Nru. 32

ORDNI TA' ŻVILUPP GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' Żvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri

Il-bini kif jidher fil-pjanta tas-sit It-Telgħa tal-Mina l-Kbira, il-Birgu.

No. 32

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely

Premises as per Site-Flan it-Telgħa tal-Mina l-Kbira, Vittoriosa.

(ara l-pjanta mehmuża) jista jkun ta' valur arkitettoniku u storiku hekk li jkun inkluż fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(see attached site plan) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-Proprjetà msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att ta' l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) Il-bini għandu jitqies bħala proprjetà ta' Grad 1 skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur storiku tal-maħżen li jagħmel parti mill-fortifikazzjoni tal-Birgu.

(i) The building is to be considered as Grade 1 property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its historical value as a magazine which forms part of the Vittoriosa fortifications.

(ii) L-ebda alterazzjoni ma tiġi permessa lil ebda parti tal-maħżen, kemm ġewwa kif ukoll barra.

(ii) No alterations will be permitted to any part of the magazine, whether internal or external.

(iii) Kull xogħol li qed isir bħalissa fuq kull parti tal-bini irid jieqaf immedjatament u l-bini rrestawrat irid isir taħt is-superviżjoni tad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

(iii) Any works currently being performed on any part of the building must stop immediately and the building restored under the guidance of the Museums Department.

(iv) Kull żvilupp, tibdil jew intervent fuq il-proprjetà ta' hawn fuq, li tista tkun permessa, għandu jkun approvat minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.


(iv) All developments, alterations or interventions on the above properties, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettieq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' dan l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.



Is-17 ta' Jannar, 1995 17th January, 1995